# Kumitat Amministrattiv SWATAR

**Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida**

Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

# Minuti

## Seduta Nru. 40/2013

Data: L-Erbgħa, 17 ta' Lulju 2013

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

---

Preżenti: Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Viċi Chairperson*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Catherine Mangion – *Membru*
Joanne Debono Grech – *Sindku Birkirkara*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati:

❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
6. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
7. Għeluq u Aġġornament.

## Kontenut

Annex A Minuti 40/2013

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Annex A**

# Minuti 40/2013

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fis-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson.*

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduti 38/2013 u 39/2013 kienu tqassmu qabel, ittieħdu bħala moqrija, ma kienx hemm korrezzjonijiet u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti Mqajma mill-Minuti

**3.1** *Traffic Management* — **Fuq Punt 3.2 –** Is-Sur Cini insista sabiex il-Kumitat jagħmel l-isforzi kollha biex Triq it-Torri tinfetaħ għal Triq Dun Karm. Iċ-*Chairperson* qalet li s-Sindku ta' Birkirkara diġa iltaqgħet mat-TM u talbet sabiex il-banka tal-lottu tersaq il-ġewwa sabiex ikun hemm viżwal aħjar għal min ikun ser joħroġ minn triq it-Torri u b'hekk tkun tista' tinfetaħ it-triq.

**3.2** *Tmed Parking* — Dwar it-traffic management is-Sindku ta' Birkirkara qalet li għaddejjin diskussjonijiet sabiex isir timed parking kullimkien u tal-inqas ikun hemm 30% tal-ispazji ta' parkeġġ bit-timed parking.

**3.3** *Triq it-Torri* — Il-Kumitat qabel li fi Triq it-Torri, quddiem l-HSBC, issir double white line biex jitnaqqsu l-inċidenti f'din l-istess triq.

## 4. Korrispondenza

**4.1** *Artikolu minn the Times* — Inqara artikolu mit-Times fejn ingħata permess li l-Bypass u Regional Road jingħalqu għat-traffiku biex minn hemm jittellha n-nar tal-festa tal-Imsida. Il-Kumitat qabel li tintbgħat imejl lill-Kunsill Lokali tal-Imsida li l-Kumitat jinħas urtat li ma ġiex ikkonsultat dwar din id-deċiżjoni u jitlob li jiġi konsultat qabel ma l-istess deċiżjoni tiġi attwata.

**4.2** *Ilment minn fuq Facebook* — Inqara ilment minn fuq il-facebook page tal-Kumitat [redacted] li qed jilmenta li hemm diżorganiżazzjoni sħiħa ta' parkeġġ fid-Daħlet it-Tempji Megalitiċi u għaldaqstant qed jitlob li jintbgħatu l-Gwardjani Lokali. Il-Kumitat qabel ma din il-proposta u ser jitlob lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara biex jatwa din id-deċiżjoni.

## 5. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat

**5.1** Ma kienx hemm ebda intervent jew mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat.

## 6. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**6.1** Iċ-*Chairperson* qalet li l-Kunsill ta' Birkirkara ser joħloq kumitat tal-attivitajiet fejn ġie deċiż li ċ-Chairperson tattendi għal l-laqgħat tal-istess kumitat. *Kumitat ta' Attivitajiet*

## 7. Għeluq u Aġġornament.

**7.1** Il-laqgħa spiċċat fid-8:00pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar il-Ġimgħa, 30 t' Awwissu 2013, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida.

Mary Rose Mifsud
*Chairperson*

Christopher Galea
Aġent Segretarju

Data

**Annex B**

### Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|
| 3.3 | *Triq it-Torri* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 4.1 | *Artikolu minn the Times* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |
| 4.2 | *Ilment minn fuq Facebook.* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |